KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 19.3.2008
KUMM(2008) 151 finali

2008/0062 (COD)

Proposta ghal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tiffaċilita l-infurzar transkonfinali fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq

(preżentata mill-Kummissjoni)

{SEG(2008) 350}
{SEG(2008) 351}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1) IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet u l-għanijiet tal-proposta**

Sa mill-2001, il-politika Komunitarja fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq għandha l-mira li tnaqqas bin-nofs l-għadd ta' mwiet fit-toroq sas-sena 2010. Fl-2001, 54 000 ruħ tilfu ħajjithom fit-toroq tas-27 pajjiż li llum huma Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, u minn dak iż-żmien 'l hawn ittieħdu diversi miżuri biex jintlaħaq l-għan ta' tnaqqis b'50%. Fl-2007, għall-ewwel darba mill-2001, ma sar l-ebda progress fit-tnaqqis ta' l-imwiet fit-toroq ta' l-UE. It-tnaqqis fl-għadd ta' mwiet kull sena kien ta' 6% fl-2004, 5% fl-2006, u 0% fl-2007. Fl-2007, l-għadd ta' mwiet baqa' 43 000, li huwa ekwivalenti għan-numru ta' passiġġieri li kienu jitilfu ħajjithom li kieku kienu jiġġarrfu ħames ajruplani ta' daqs medju kull ġimgħa fl-UE. Matul il-perjodu mill-2001 sa l-2007, l-għadd ta' mwiet naqas b'20%, filwaqt li kien jeħtieġ tnaqqis ta' 37% biex tkun tista' tintlaħaq il-mira ta' tnaqqis bin-nofs. Billi l-infurzar wera li huwa strument mill-aktar effettiv biex jitnaqqas l-għadd ta' mwiet, il-Kummissjoni adottat proposta għal Direttiva f'dan il-qasam, bħala parti mill-Programm ta' Ħidma tagħha għall-2007.

Illum il-ġurnata, ir-reati tat-traffiku spiss ma jiġux sanzjonati meta jsiru minn vettura rreġistrata fi Stat Membru differenti minn dak fejn ikun sar ir-reat. Din il-problema ssir aktar serja meta wieħed jikkunsidra r-reati li jkunu rreġistrati awtomatikament mill-kameras tat-traffiku, fejn ma jkunx hemm kuntatt dirett bejn is-sewwieq u l-pulizija. L-aċċettazzjoni mill-pubbliku ta' l-infurzar tal-liġi hija fundamentali għall-isforzi li qed isiru biex jitnaqqsu l-vittmi fit-toroq, u għaldaqstant, l-evażjoni tal-liġi minn persuni li jsuqu barra mill-pajjiż ta' residenża tagħhom għandha mnejn iddgħajjef tali aċċettazzjoni.

Il-perċentwal tal-persuni fit-traffiku li mhumiex residenti fil-pajjiż rispettiv jidher li huwa ta' madwar 5% f'dawk il-pajjiżi fejn dan it-tagħrif huwa disponibbli.[1] Il-perċentwal ta' sewwieqa mhux residenti f'reati ta' eċċess ta' veloċità juri firxa ta' bejn 2.5% u 30%[2]. Dawn iċ-ċifri jissuġġerixxu li s-sewwieqa mhux residenti jkunu involuti f'reati ta' eċċess ta' veloċità relattivament aktar ta' spiss mis-sewwieqa residenti[3].

---

1 Sors: Eurostat. Dan il-perċentwal ta' 5% jissejjes fuq l-evidenza minn grupp magħżul ta' pajjiżi. Ifisser li xi 5% mill-kilometri koperti minn vetturi fit-toroq isiru minn vetturi rreġistrati f'pajjiż differenti. Ir-riżultati juru perċentwali ta' 5.5% fi Franza (30 biljun km koperti minn vetturi), 3.9% fil-Ġermanja, 4.1% fl-Olanda, u 3.9% fir-Renju Unit.

2 2.5% fid-Danimarka, 4% fil-Finlandja, 6% fl-Olanda, 8% fil-Katalonja (Spanja), 14% fil-Belġju, 15% fi Franza, u 30% fil-Lussemburgu.

3 Fi Franza, il-perċentwal fit-traffiku tas-sewwieqa mhux residenti huwa ta' 5.5%, filwaqt li l-perċentwal tagħhom fir-reati tat-traffiku huwa ta' 15%. Iċ-ċifri korrispondenti għall-Olanda huma 4.1% tat-traffiku u 6% tar-reati (Centraal Justitieel Incasso Bureau, l-Olanda).

Minkejja li ġew konklużi għadd ta' ftehimiet bilaterali fost l-Istati Membri, l-implimentazzjoni tagħhom sfat diffiċli. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' infurzar transkonfinali ma' l-UE kollha mhux biss jagħti lok għall-impunità ta' min jikser il-liġi f'pajjiż li ma għandu l-ebda ftehim bilaterali mal-pajjiż ta' residenza tiegħu, iżda jimplika fl-istess ħin diskriminazzjoni kontra dawk li jikkommettu reati f'pajjiż fejn huma residenti.

Din il-proposta hija mfassla biex tiffaċilita l-infurzar tas-sanzjonijiet kontra s-sewwieqa li jikkommettu reat fi Stat Membru barra minn dak fejn tkun irreġistrata l-vettura tagħhom. L-għan tas-sistema proposta huwa li tiżgura li l-infurzar tal-liġi fir-rigward ta' tali reati jitwettaq irrispettivament minn f'liema parti ta' l-Unjoni Ewropea jkun sar ir-reat, u irrispettivament minn fejn tkun irreġistrata l-vettura li biha jkun sar.

Ir-reati koperti mill-proposta huma l-eċċess ta' velocità, is-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb, in-nuqqas ta' użu taċ-ċinturin tas-sikurezza, u l-qbiż tad-dawl l-aħmar. Dawn huma r-reati tat-traffiku li jikkaġunaw l-akbar għadd ta' inċidenti u mwiet fit-toroq.

Il-proposta timmira t-twaqqif ta' netwerk Komunitarju għall-iskambju tad-dejta elettronika, bil-għan li jkun jista' jidentifika s-sid ta' vettura sabiex l-awtoritajiet ta' Stat Membru fejn ikun sar reat ikunu jistgħu jibagħtu notifika lid-detentur tal-vettura involuta fir-reat.

Sistema bħal din tkun ta' siwi partikolari fejn jidħlu r-reati tat-traffiku rreġistrati minn tagħmir awtomatiku fejn ma jistax jiġi identifikat minnufih min ikun ikkommetta r-reat, bħall-eċċess ta' veloċità jew il-qbiż tad-dawl l-aħmar. Is-sistema tkun utli wkoll billi tippermetti s-segwiment ta' reati fejn tkun meħtieġa l-verifika tad-dettalji tar-reġistrazzjoni tal-vettura, fil-każ fejn il-vettura tkun ġiet imwaqqfa. Dan jgħodd speċjalment għas-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb.

Il-proposta ma tirreferix għall-armonizzazzjoni tar-regoli tat-traffiku u lanqas għall-armonizzazzjoni tal-penalitajiet għar-reati tat-traffiku, għax jaqbel li dawn il-kwistjonijiet jitħallew f'idejn l-Istati Membri. Il-proposta tinkludi biss dispożizzjonijiet ta' natura purament amministrattiva, għall-implimentazzjoni ta' sistema effiċjenti u effikaċi għall-infurzar transkonfinali tar-reati ewlenin tat-traffiku. Ma tindaħalx fil-kwalifiki ta' dawn ir-reati tat-traffiku min-naħa ta' kull Stat Membru, li jistgħu jkunu ta' natura amministrattiva jew penali. Ma tindaħalx lanqas fil-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' min għandu jitqies responsabbli għar-reati kkonċernati.

It-test japplika mingħajr ma ssir distinzjoni bejn ir-reati kkonċernati f'termini tal-kwalifika legali tagħhom bħala penali jew amministrattivi, għax din tkun differenti skond l-Istat Membru; għaldaqstant, it-test jista' jiġi applikat irrispettivament minn tali kwalifiki.

Meta jitqiesu dawn il-limitazzjonijiet kollha, il-proposta tikkunsidra bis-sħiħ il-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Is-sistema proposta taqbel mal-metodu tradizzjonali li bih jiġu indirizzati r-reati transkonfinali: jiġu trattati mill-Istat Membru fejn ikun sar ir-reat. Il-valur miżjud tal-proposta jinsab fl-introduzzjoni ta' mekkaniżmu (li għad irid jinħoloq) li permezz tiegħu l-awtoritajiet ikkonċernati jkunu jistgħu jidentifikaw u jittrattaw il-persuni mhux residenti li jikkommettu reat.

Il-proposta ma tfixkilx l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/214/ĠAI dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penalitajiet finanzjarji (it-tielet pilastru). Id-Direttiva proposta tapplika għall-fażijiet ta' qabel ma tkun ġiet imposta sanzjoni finali, filwaqt li d-Deċiżjoni Kwadru tibda tapplika fejn min ikun ikkommetta r-reat ma jkunx ħallas il-multa u tkun ittieħdet deċiżjoni finali li tobbligah iħallas.

- **Il-kuntest ġenerali**

Matul il-perjodu mill-2001 sa l-2007, il-progress fit-tnaqqis ta' l-għadd ta' mwiet fit-toroq majna. Tant hu hekk li fl-2007 ma sar progress ta' xejn: il-perċentwal ta' tnaqqis fl-imwiet fl-UE kien ta' 0%.

Id-dejta disponibbli turi li l-kawżi ewlenin ta' l-inċidenti mortali huma l-eċċess ta' veloċità, is-sewqan taħt l-effett tax-xorb, u n-nuqqas ta' użu taċ-ċinturin tas-sikurezza. Dan diġà kien il-każ fl-1999, u minn dak iż-żmien 'l hawn ma nbidel xejn f'dan ir-rigward.

Skond il-valutazzjoni ta' l-impatt li saret fl-2007, li tipprovdi stimi għas-sena 2004, 30% mill-imwiet fit-toroq saru minħabba eċċess ta' veloċità, 25% saru minħabba s-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb, 17% minħabba li ma ntlibisx iċ-ċinturin tas-sikurezza, u madwar 4% minħabba li nqabeż id-dawl l-aħmar tat-traffiku. Dan ifisser li madwar 75% ta' l-imwiet fit-toroq ikunu kkaġunati minn waħda (jew aktar) minn dawn l-erba' reati tat-traffiku.

Fil-21 ta' Ottubru 2003, il-Kummissjoni adottat Rakkomandazzjoni dwar l-infurzar fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq (2004/345/KE), li tinkludi l-aqwa prassi għall-infurzar tal-liġi rigward dawn ir-reati ewlenin. Mix-xejra fl-għadd ta' mwiet fit-toroq sal-lum, jidher li din ir-Rakkomandazzjoni, strument li ma jorbotx, mhijiex biżżejjed biex tintlaħaq il-mira ta' tnaqqis bin-nofs tal-vittmi mortali fit-toroq.

Jekk ma jitteħdux miżuri oħra, huwa mill-aktar probabbli li l-mira ma tintlaħaqx.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Ottubru 2003 dwar l-infurzar fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq fir-rigward ta' l-eċċess ta' veloċità, is-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb u n-nuqqas ta' użu taċ-ċinturin tas-sikurezza, tiffoka fuq l-aqwa prassi għall-infurzar filwaqt li tittratta l-infurzar transkonfinali f'inqas dettall. Min-naħa l-oħra, din il-proposta tiffoka fuq il-kwistjonijiet transkonfinali, mingħajr ma tirreferi speċifikament għall-metodi ta' infurzar. Ix-xebh ewlieni bejn dawn iż-żewġ atti jinsab fir-referenza tagħhom għall-infurzar rigward bażikament l-istess reati tat-traffiku.

- **Konsistenza ma' politiki u għanijiet oħrajn ta' l-Unjoni**

L-azzjoni proposta hija skond il-politiki ta' l-UE dwar is-saħħa tal-bniedem u dwar l-ambjent. L-azzjoni se tikkomplementa wkoll id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/214/ĠAI dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penalitajiet finanzjarji, li tistabbilixxi mekkaniżmu għar-rikonoxximent u l-infurzar transkonfinali ta' deċiżjonijiet finali li jirrigwardaw il-penalitajiet finanzjarji, fost l-oħrajn għar-reati tat-traffiku.

2) IL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT

- **Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Il-metodi ta' konsultazzjoni, is-setturi ewlenin fil-mira u l-profil ġenerali ta' dawk li wieġbu

Il-partijiet interessati ġew ikkonsultati mill-istadji bikrija tal-proġett. Fl-2004, fil-qafas tal-proġett SARTRE 3 ("Social Attitude to Road Traffic Risks in Europe"), 24 000 ċittadin ta' l-UE ġew mitluba l-fehma tagħhom rigward l-infurzar fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq.

Fl-20 ta' Lulju 2006, saret laqgħa mal-grupp espert li twaqqaf wara r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Ottubru 2003 dwar l-infurzar fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq, fejn ġew diskussi l-firxa u l-għanijiet ta' l-azzjoni regolatorja fil-livell ta' l-UE.

Barra minn hekk, saru diversi laqgħat bilaterali ma' għadd ta' partijiet interessati, partikolarment ma' l-Istati Membri u l-awtoritajiet ta' infurzar.

Mis-6 ta' Novembru 2006 sad-19 ta' Jannar 2007, saret konsultazzjoni pubblika permezz tal-websajt "Europa", skond l-istandards applikabbli tal-Kummissjoni. Ġew irċevuti 54 kumment mid-diversi partijiet interessati. Il-kummenti kollha ġew ippubblikati fuq is-sit dwar is-Sikurezza fit-toroq fil-portal "Europa" tal-Kummissjoni.

Fis-27 ta' Frar 2007, saret laqgħa mal-partijiet interessati, fejn kienu mistiedna l-awturi kollha tal-kummenti u l-Istati Membri kollha.

Il-Kummissjoni fasslet kwestjonarju għall-korpi tal-pulizija tat-traffiku ta' kull pajjiż fl-UE bil-għan li tiġbor informazzjoni rigward l-infurzar tal-liġi fit-toroq Ewropej. 21 pajjiż wieġbu l-kwestjonarju, u dawn it-tweġibiet intużaw bħala bażi għal diskussjoni fejn kienu mistednin il-korpi tal-pulizija tat-traffiku sabiex iressqu l-kummenti tagħhom, bil-għan li ssir azzjoni fil-livell Komunitarju.

Ġabra fil-qosor tat-tweġibiet u kif tqiesu.

Kull min ħa sehem fil-konsultazzjoni qabel rigward id-definizzjoni tal-problema u l-azzjoni li għandha tittieħed fuq il-livell ta' l-UE: jiġifieri, it-titjib fis-sikurezza fit-toroq permezz ta' infurzar aħjar, kemm fis-sustanza kif ukoll fejn jidħlu l-proċeduri. Madankollu, għad hemm nuqqas ta' qbil f'dak li jirrigwarda l-qafas legali xieraq għal tali infurzar. Ġew ikkunsidrati t-tweġibiet kollha.

Saret konsultazzjoni miftuħa fuq l-internet mis-6 ta' Novembru 2006 sad-19 ta' Jannar 2007. Il-Kummissjoni rċeviet 54 risposta. Ir-riżultati huma disponibbli (bl-Ingliż) mill-paġna
http://ec.europa.eu/transport/roadsafety/enforcement/introduction_en.htm#consultation.

- **Il-ġbir u l-użu ta' l-għarfien espert**

Oqsma xjentifiċi/ ta' għarfien espert ikkonċernati

Is-sikurezza fit-toroq u l-infurzar tal-liġi dwar is-sikurezza fit-toroq.

Il-metodoloġija użata

Laqgħat ma' esperti mill-Istati Membri; konsultazzjoni u laqgħat mal-partijiet interessati; diversi proġetti ta' riċerka; proġetti u studji oħra.

L-organizzazzjonijiet/esperti ewlenin li ġew ikkonsultati

Uffiċjali mill-Istati Membri responsabbli għall-politika tat-trasport u għall-infurzar tal-liġi tat-traffiku, TISPOL (in-Netwerk Ewropew tal-Pulizija tat-Traffiku) u l-Kunsill Ewropew għas-Sikurezza fit-Trasport.

Ġabra fil-qosor tal-konsulenza miksuba u użata

Ma ssemmietx l-eżistenza ta' riskji potenzjalment serji b'konsegwenzi irriversibbli.

Inqabel b'mod unanimu li, jekk ma titteħidx aktar azzjoni fil-forma ta' infurzar tal-liġi dwar is-sikurezza fit-toroq, se jkun impossibbli li jitnaqqas l-għadd inaċċettabbli ta' mwiet fit-toroq skond l-għan appoġġat mill-istituzzjonijiet kollha ta' l-UE. Min-naħa l-oħra, kien hemm nuqqas ta' qbil rigward il-mezz legali xieraq biex jintlaħaq dak il-għan.

Il-mezzi użati biex il-konsulenza ta' l-esperti tkun disponibbli għall-pubbliku

Ir-reazzjonijiet għad-dokument ta' konsultazzjoni mill-partijiet interessati ġew ippubblikati fuq il-websajt tal-Kummissjoni:

http://ec.europa.eu/transport/roadsafety/enforcement/introduction_en.htm#consultation

- **Il-valutazzjoni ta' l-impatt**

Il-valutazzjoni ta' l-impatt tikkunsidra ħames għażliet, li kull waħda minnhom tindirizza kemm l-infurzar transkonfinali kif ukoll l-aqwa prassi għall-infurzar li għandhom jiġu implimentati fl-Istati Membri.

L-ewwel għażla hija li s-sitwazzjoni attwali titħalla kif inhi.

Fit-tieni għażla, min jikser il-liġi f'pajjiż barra minn dak tar-residenza tiegħu jitressaq il-qorti meta jirritorna fil-pajjiż fejn ikun ikkommetta r-reat, abbażi ta' kooperazzjoni mal-pajjiż ta' residenza tiegħu. Din l-għażla tinvolvi miżuri mhux regolatorji li jistgħu jittieħdu mingħajr il-ħtieġa li jinbidlu l-liġijiet eżistenti jew li tiġi adottata leġiżlazzjoni ġdida fil-livell ta' l-UE. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-infurzar fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq (2004/345/KE) tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jimplimentaw l-aqwa prassi fl-infurzar tal-liġi. F'dak li jirrigwarda l-infurzar transkonfinali, ir-regoli nazzjonali jittejbu.

It-tielet u r-raba' għażliet ukoll jinvolvu miżuri mhux regolatorji għall-infurzar, imsejsa fuq ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni. Fejn jidħol l-infurzar transkonfinali, l-għażla 3 tikkonsisti filli jitwaqqaf netwerk Komunitarju għall-iskambju tad-dejta elettronika bil-għan li jiġi identifikat id-detentur tal-vettura; filwaqt li l-għażla 4 tissejjes fuq ir-rikonoxximent reċiproku tal-provi u t-trażmissjoni tad-dejta relevanti lill-awtoritajiet ta' l-Istat fejn hija rreġistrata l-vettura, għall-infurzar kontra r-reati u għall-applikazzjoni tas-sanzjonijiet korrispondenti mill-awtoritajiet imsemmija.

Il-ħames għażla tissejjes ukoll fuq it-trażmissjoni tal-provi lill-Istat tar-residenza ta' min jikkommetti r-reat għall-infurzar transkonfinali. Hija differenti mill-għażliet 2, 3 u 4 billi tinkludi miżuri regolatorji għall-implimentazzjoni ta' l-aqwa metodi ta' infurzar mill-Istati Membri kollha. Din l-għażla tinkludi wkoll miżuri dwar l-istandardizzazzjoni tat-tagħmir ta' kontroll.

Din l-aħħar għażla ġġib magħha aktar vantaġġi soċjali, ekonomiċi u ambjentali mill-erba' għażliet l-oħra (soċjali: jinqatlu u jindarbu inqas nies fit-toroq; ekonomiċi: benefiċċji finanzjarji sinifikanti mill-għadd aktar baxx ta' inċidenti, u b'hekk inqas ħsarat personali u materjali, kif ukoll mid-dħul minn penalitajiet finanzjarji; ambjentali: billi jitnaqqas l-eċċess ta' velocità, isir inqas tniġġis u inqas konsum ta' fjuwil).

Madankollu, f'dan l-istadju ta' żvilupp tal-leġiżlazzjoni Komunitarja, l-għażla 5 mhijiex vjabbli: fis-sustanza, tmur kontra l-prinċipju tas-sussidjarjetà, u mil-lat ta' proċedura, tikkoinċidi mad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/214/ĠAI dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penalitajiet finanzjarji. Għaldaqstant, l-azzjoni proposta tissejjes fuq l-għażla 3. L-għan huwa li tinħoloq sistema għall-iskambju tad-dejta relevanti fost l-Istati Membri, biex tiffaċilita s-sanzjonar ta' ċerti reati tat-traffiku kommessi fi Stat Membru b'vettura rreġistrata fi Stat Membru ieħor. Bil-maqlub ta' l-għażla 4, tħalli l-azzjoni għas-segwiment tar-reati f'idejn l-Istat Membru fejn ikun sar ir-reat. L-għażla 3 tkopri l-fażijiet kollha minn meta jiġi rreġistrat ir-reat sat-trażmissjoni tan-notifika tar-reat lid-detenetur taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura. Ma tittrattax każijiet fejn id-destinatarju jirrifjuta li jħallas u jiġi obbligat li jħallas permezz ta' deċiżjoni finali, għax id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/214/ĠAI msemmija aktar 'il fuq tipprovdi għar-rikonoxximent reċiproku

u għall-infurzar ta' dan it-tip ta' deċiżjonijiet finali.

Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni ta' l-impatt kif inhu indikat fil-Programm ta' Ħidma; ir-rapport korrispondenti huwa disponibbli bir-referenza SEC(2007)XXX.

3) L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

- **Ġabra fil-qosor ta' l-azzjoni proposta**

Il-proposta ddaħħal il-mekkaniżmi tekniċi u l-istrumenti legali meħtieġa biex jiġi implimentat l-infurzar transkonfinali kontra r-reati tat-traffiku li jipperikolaw is-sikurezza fit-toroq.

Il-proċedura proposta tistipula li l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri għandu jibda meta jkun sar reat fi Stat Membru b'vettura rreġistrata fi Stat Membru ieħor. L-Istat Membru fejn ikun sar ir-reat jibgħat in-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura u tagħrif ieħor relevanti lill-Istati Membri l-oħra, jew għall-Istat tar-residenza tas-sewwieq jekk il-pajjiż jista' jkun identifikat, u jitlob informazzjoni dwar id-detentur tal-vettura. L-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri jsir permezz ta' netwerk elettroniku. Ladarba l-Istat fejn ikun sar ir-reat ikun irċieva l-informazzjoni mitluba, tibgħat notifika tar-reat lid-detentur tal-vettura permezz tal-formola standard mogħtija fl-Anness.

Dan id-dokument fih l-informazzjoni meħtieġa għall-ħlas ta' l-ammont dovut, kif ukoll it-tagħrif dwar il-possibbiltajiet ta' oġġezzjoni u appell. Bħala l-aħħar soluzzjoni, fil-każ li min ikun ikkommetta r-reat ma jħallasx, tista' tiġi applikata d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/214/ĠAI dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penalitajiet finanzjarji. Il-proposta tkopri r-reati ta' l-eċċess ta' veloċità, is-sewqan taħt l-effett tax-xorb, in-nuqqas ta' użu taċ-ċinturin tas-sikurezza, u l-qbiż tad-dawl l-aħmar tat-traffiku.

Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni se jkollha l-appoġġ ta' Kumitat dwar l-infurzar tal-liġi dwar is-sikurezza fit-toroq. Dan il-Kumitat se jfassal regoli komuni għall-iskambju ta' informazzjoni b'mezz elettroniku, u se jkun involut ukoll f'adattamenti eventwali tal-formola mudell għan-notifika tar-reat.

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għat-teħid ta' miżuri fil-livell ta' l-UE fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq hija l-Artikolu 71(1) tat-Trattat tal-KE, li jiddikjara li "... il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 ..., għandu jistabbilixxi: ... (c) miżuri li jtejbu s-sigurtà [sikurezza] fit-trasport".

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika safejn il-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklussiva tal-Komunità.

L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri għar-raġunijiet li ġejjin:

Minkejja r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ta' Ottubru 2003 dwar l-aqwa prassi għall-infurzar, jidher li l-Istati Membri ta' l-UE mhux se jirnexxilhom jilħqu l-mira komuni ta' tnaqqis bin-nofs fl-għadd ta' mwiet fit-toroq sa l-2010. Bħalissa, ir-riskju ta' qtil fit-toroq f'ċerti Stati Membri huwa ħames darbiet ogħla minn dak f'Stati Membri oħra. Ġeneralment, il-pajjiżi li jimplimentaw prassi tajbin ta' infurzar għandhom rekord tas-sikurezza fit-toroq aħjar mill-Istati Membri li ma jimplimentawhomx.

It-tagħmir awtomatiku wera li huwa element kruċjali għat-tisħiħ ta' l-infurzar, u huwa importanti li l-użu tiegħu jiġi ffaċilitat. Pereżempju, f'dak li jirrigwarda l-eċċess ta' veloċità, il-pajjiżi li jużaw għadd kbir ta' apparati għad-detezzjoni tal-veloċità eċċessiva, bħall-Olanda u r-Renju Unit, għandhom it-tendenza li jkollhom numri baxxi ta' mwiet fit-toroq (46 u 56 għal kull miljun abitant rispettivament), filwaqt li l-pajjiżi li ftit li xejn jużaw dan it-tagħmir, bħall-Polonja u r-Repubblika Ċeka, ġeneralment ikollhom rati ogħla ta' mwiet (143 u 126 għal kull miljun abitant rispettivament). (Iċ-ċifri jirreferu għas-sena 2005). B'mod simili, fejn jidħol is-sewqan taħt l-effett tax-xorb, il-pajjiżi li jwettqu numru għoli ta' testijiet ta' l-alkoħol għandhom it-tendenza li jkollhom rekord tas-sikurezza fit-toroq aħjar mill-pajjiżi li jwettqu inqas testijiet.

Madankollu, billi skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà l-implimentazzjoni ta' metodi għall-infurzar min-naħa ta' l-Istati Membri fit-territorju tagħhom jitqies li taqa' primarjament fil-kompetenza tagħhom, il-proposta ma timmirax li timponi rekwiżiti għall-metodi ta' infurzar infushom. Il-proposta tiffoka fuq kif jista' jiġi ffaċilitat l-infurzar transkonfinali, li sal-lum l-Istati Membri ma kinux kapaċi jilħquh permezz ta' azzjoni unilaterali jew bilaterali. Skond ma turi d-dejta disponibbli (li wieħed irid jagħraf li mhijiex kompluta), qed isiru kwantitajiet konsiderevoli ta' reati tat-traffiku mingħajr ma jkunu sanzjonati, u dan inaqqas mill-effiċjenza u mill-kredibbiltà ta' l-infurzar permezz ta' tagħmir awtomatiku.

Mingħajr l-implimentazzjoni ta' infurzar permezz ta' tagħmir awtomatiku li jkejjel il-veloċità kif ukoll ta' proċeduri effiċjenti ta' segwiment, ikun impossibbli li jsir infurzar transkonfinali xieraq fir-rigward tan-numri kbar ta' reati ta' eċċess ta' veloċità. L-istess jgħodd għall-infurzar transkonfinali kontra reati ta' sewqan taħt l-influwenza tax-xorb, jekk ma jiġux implimentati t-testijiet aleatorji tan-nifs.

Kif intwera fil-Valutazzjoni ta' l-Impatt, huwa mistenni li l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet proposti dwar l-infurzar transkonfinali tissarraf ukoll fl-applikazzjoni mill-Istati Membri ta' metodi effiċjenti għall-infurzar, fit-territorju tagħhom stess, kontra reati li jsiru minn sewwieqa residenti fil-pajjiż.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-infurzar transkonfinali, l-inizjattivi bilaterali u intergovernamentali meħuda mill-Istati Membri mhumiex effettivi daqskemm wieħed jixtieq, u jirriżultaw f'applikazzjoni insuffiċjenti tal-liġijiet nazzjonali kif ukoll f'nuqqas ta' effiċjenza amministrattiva u finanzjarja. Għalkemm uħud minn dawn il-ftehimiet jissarrfu f'infurzar transkonfinali aħjar bejn il-pajjiżi kkonċernati (partikolarment il-ftehim bejn l-Olanda u l-Ġermanja u dak bejn l-Olanda u l-Belġju), il-ftehimiet l-oħra qajla ġabu magħhom xi valur miżjud. Ir-riżultat huwa livell bilkemm sodisfaċenti tas-sikurezza fit-toroq fl-Istati Membri kollha, u trattament mhux indaqs bejn is-sewwieqa

mhux residenti li ma jiġux sanzjonati għar-reati li jikkommettu u bejn is-sewwieqa residenti li jiġu sanzjonati. L-għan tal-proposta huwa li tistabbilixxi sistema mifruxa ma' l-UE kollha għall-infurzar transkonfinali, li ssolvi l-problemi li jitnisslu mill-ftehimiet eżistenti, u li tevita li jkompli jikber il-lapazzar ta' ftehimiet bilaterali jew intergovernamentali differenti, li jitolbu aktar żmien u riżorsi filwaqt li huma anqas effiċjenti.

Barra minn hekk, għad hemm lok għat-titjib fis-sikurezza fit-toroq fl-Istati Membri kollha; mhux biss fl-Istati Membri b'rekord dgħajjef li jeħtieġu titjib drastiku fis-sikurezza fit-toroq tagħhom, iżda wkoll f'dawk l-Istati Membri li qed jagħtu riżultati relattivament tajbin. Jekk il-miżuri proposti ma jitteħdux, dan ikun ta' ħsara għall-interess komuni ta' l-Istati Membri kollha li jnaqqsu l-għadd ta' mwiet fit-toroq tagħhom kull fejn huwa possibbli.

Metodi effiċjenti ta' infurzar applikati mill-Istati Membri kollha jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti biex jitnaqqas bin-nofs l-għadd ta' inċidenti serji fit-toroq. Il-valutazzjoni ta' l-impatt uriet li sa 5 000 persuna jistgħu jkunu salvati kull sena permezz ta' l-applikazzjoni tal-metodi msemmija.

Azzjoni Komunitarja se tilħaq aħjar l-għanijiet tal-proposta għar-raġunijiet li ġejjin:

Strument ta' l-UE biss jista' jġib miegħu infurzar transkonfinali konsisteni u effiċjenti ma' l-UE kollha kontra r-reati tat-traffiku, permezz ta' l-iskambju ta' informazzjoni relevanti b'sistema elettronika.

Il-proposta ma tirreferix għall-armonizzazzjoni tar-regoli tat-traffiku u lanqas għall-armonizzazzjoni tal-penalitajiet għar-reati tat-traffiku, għax jaqbel li dawn il-kwistjonijiet jitħallew f'idejn l-Istati Membri. Il-proposta tinkludi biss dispożizzjonijiet ta' natura purament amministrattiva, għall-implimentazzjoni ta' sistema effiċjenti u effikaċi għall-infurzar transkonfinali tar-reati ewlenin tat-traffiku. Ma tindaħalx fil-kwalifiki ta' dawn ir-reati tat-traffiku min-naħa ta' kull Stat Membru, li jistgħu jkunu ta' natura amministrattiva jew penali. Ma tindaħalx lanqas fil-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' min għandu jitqies responsabbli għar-reati kkonċernati. Pereżempju, l-Istati Membri għandhom liġijiet differenti rigward min għandu jitqies responsabbli għar-reati ta' eċċess ta' veloċità: f'għadd ta' Stati Membri hu d-detenetur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura li huwa responsabbli, waqt li fi Stati Membri oħra l-persuna meqjusa responsabbli għar-reat hija s-sewwieq. L-Istati Membri għandhom jissieltu biex jiżguraw li s-sewwieqa minn Stati Membri oħra li jsuqu fit-territorju tagħhom ikunu jafu r-regoli ewlenin tat-traffiku fis-seħħ, bħal-limiti tal-veloċità u ta' l-alkoħol.

In-notifika tar-reat li għandha tintbagħat lid-detenetur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura tirrikjedi li, jekk dan ta' l-aħħar jirrifjuta li jħallas il-multa, jagħti dettalji rigward min kien qed isuq il-vettura meta sar ir-reat. Jekk mit-tweġiba tad-detenetur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura jidher li r-reat sar minn sewwieq differenti, id-deċiżjoni rigward jekk għandhiex tittieħed azzjoni kontra s-sewwieq titħalla f'idejn l-Istat fejn sar ir-reat.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin:

Direttiva hija l-eħfef forma biex jintlaħqu l-għanijiet tal-proposta.

Il-proposta tittratta biss l-infurzar fir-rigward ta' reati tat-traffiku, u ma tirreferix għall-armonizzazzjoni tar-regoli tat-traffiku, tal-proċedimenti kriminali jew tas-sanzjonijiet, għax dan mhuwiex meħtieġ għall-ksib tar-riżultati mixtieqa. Il-proposta ma tittrattax każijiet fejn id-destinatarju jkun irrifjuta li jħallas penali finanzjarja iżda huwa obbligat li jħallas b'deċiżjoni finali, għax id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/214/ĠAI dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penalitajiet finanzjarji tipprovdi għar-rikonoxximent reċiproku u għall-applikazzjoni ta' tali deċiżjonijiet finali.

Kif muri mill-Valutazzjoni ta' l-Impatt, il-piż finanzjarju u amministrattiv ta' din il-proposta huwa limitat ħafna. Barra minn hekk, se tintuża sistema Komunitarja ta' informazzjoni li diġà teżisti, billi tiġi estiża biex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni għall-infurzar transkonfinali. Dan għandu jnaqqas ukoll l-ispejjeż.

- **L-għażla ta' l-istrumenti**

Strument propost: direttiva.

Mezzi oħra ma jkunux adegwati għar-raġunijiet li ġejjin:

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni eżistenti wriet li mhijiex biżżejjed biex jintlaħaq l-għan imfittex. Dan jgħodd speċjalment għall-koregolazzjoni u għall-awtoregolazzjoni. Regolament ikun preskrittiv bla bżonn, u mhux neċessarjament ikun kompatibbli mal-liġijiet nazzjonali eżistenti.

4) L-IMPLIKAZZJONI GĦALL-BAĠIT

Il-proposta fiha implikazzjonijiet għall-baġit għat-twaqqif u l-funzjonament ta' Kumitat għat-tmexxija tad-Direttiva.

5) TAGĦRIF IEĦOR

- **Simulazzjoni, fażi pilota u fażi tranżitorja**

Is-sistema għall-iskambju ta' informazzjoni se tiġi żviluppata u ttestjata f'perjodu sa mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva.

- **Simplifikazzjoni**

Il-proposta tipprovdi għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattiva għall-awtoritajiet pubbliċi (Komunitarji jew nazzjonali), pereżempju billi jiġi razzjonalizzat l-iskambju ta' informazzjoni fi protokoll waħdani.

Għas-segwiment effiċjenti ta' numri kbar ħafna ta' reati tat-traffiku (bħall-eċċess ta' veloċità), jeħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri simplifikati biex dawn ir-reati jkunu mmultati b'mod konsistenti. Bħalissa, ħafna Stati Membri għadhom ma stabbilewx tali proċeduri, jew inkella l-proċeduri fis-seħħ ivarjaw skond il-ftehimiet bilaterali jew multilaterali eżistenti. Dawn l-Istati Membri se jkunu mħeġġa jdaħħlu tali proċeduri bħala konsegwenza taż-żieda mistennija fl-użu ta' tagħmir awtomatiku li jkejjel il-veloċità, żieda li min-naħa tagħha se titnissel mill-miżuri proposti.

- **Tabella ta' korrelazzjoni**

L-Istati Membri huma mitluba li jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva, kif ukoll tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

- **Iż-Żona Ekonomika Ewropea**

L-att propost jikkonċerna kwistjoni taż-ŻEE u għalhekk għandu jkun estiż għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

2008/0062 (COD)

Proposta ghal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tiffaċilita l-infurzar transkonfinali fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 71(1)(c) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni[4],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[5],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[6],

Wara li kkonsultaw mal-Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Dejta,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat tal-KE[7],

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea qiegħda tapplika politika għat-titjib tas-sikurezza fit-toroq, bil-għan li jitnaqqsu l-imwiet, il-korrimenti u l-ħsarat materjali. L-infurzar konsistenti tas-sanzjonijiet għal dawk ir-reati tat-traffiku li jipperikolaw b'mod konsiderevoli s-sikurezza fit-toroq huwa strument essenzjali biex jintlaħaq dan il-għan.

(2) Madankollu, minħabba nuqqas ta' mekkaniżmi xierqa, is-sanzjonijiet f'forma ta' penalitajiet finanzjarji għal ċerti reati tat-traffiku spiss ma jiġux infurzati fejn ir-reat ikun sar fi Stat Membru differenti minn dak fejn hi rreġistrata l-vettura involuta.

(3) Sabiex tittejjeb is-sikurezza fit-toroq ma' l-Unjoni Ewropea kollha, u biex jiġi żgurat it-trattament ekwu bejn il-persuni residenti u mhux residenti li jikkommettu reat, l-infurzar għandu jiġi ffaċilitat irrispettivament mill-Istat Membru fejn tkun irreġistrata l-vettura li biha jsir ir-reat. Għal dan il-għan, jeħtieġ li tiġi implimentata sistema ta' skambju transkonfinali ta' informazzjoni.

---

4 ĠU C , , p. .
5 ĠU C , , p. .
6 ĠU C , , p. .
7 ĠU C , , p. .

(4) Sistema bħal din tkun ta' siwi partikolari fejn jidħlu r-reati tat-traffiku rreġistrati minn tagħmir awtomatiku fejn ma jistax jiġi identifikat minnufih min ikun ikkommetta r-reat, bħall-eċċess ta' veloċità jew il-qbiż tad-dawl l-aħmar. Is-sistema tkun utli wkoll billi tippermetti s-segwiment ta' reati fejn tkun meħtieġa l-verifika tad-dettalji tar-reġistrazzjoni tal-vettura, fil-każ fejn il-vettura tkun ġiet imwaqqfa. Dan jgħodd speċjalment għas-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb.

(5) Is-sistema għandha tkopri u tittratta t-tipi ta' reat tat-traffiku skond is-serjetà tagħhom u l-periklu li joħolqu għas-sikurezza fit-toroq, u għandha tkopri r-reati klassifikati bħala reati tat-traffiku fil-leġiżlazzjoni ta' kull Stat Membru. Għaldaqstant, jixraq li ssir dispożizzjoni fir-rigward ta' l-eċċess ta' veloċità, is-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb, in-nuqqas ta' użu taċ-ċinturin tas-sikurezza, u l-qbiż tad-dawl l-aħmar. Il-Kummissjoni ser tkompli ssewgi l-iżviluppi madwar l-UE fir-rigward ta' reati oħra tat-traffiku b'implikazzjonijiet serji għas-sikurezza fit-toroq, u fejn ikun xieraq, ser tikkunsidra tipproponix reviżjoni tad-Direttiva bil-għan li tiġbor dawk ir-reati fl-ambitu tagħha; pereżempju, is-sewqan taħt l-effett tad-drogi, l-użu tat-telefown ċellulari waqt is-sewqan, u s-sewqan mhux assigurat.

(6) Sabiex tiġi żgurata l-effiċjenza tas-sistema ta' infurzar, din għandha tkopri l-fażijiet kollha mid-detezzjoni tar-reat sat-trażmissjoni tan-notifika tar-reat, abbażi ta' formola standard, lid-detenetur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura kkonċernata. Malli tittieħed deċiżjoni finali, għandha tapplika d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/214/ĠAI dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penalitajiet finanzjarji[8].

(7) Barra minn hekk, l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni għandu jsir b'mod rapidu permezz ta' mezzi elettroniċi. Għal dan il-għan, għandu jinħoloq netwerk elettroniku Komunitarju.

(8) Billi d-dejta marbuta ma' l-identifikazzjoni ta' min jikkommetti reat hija dejta personali, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-konformità mad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' dejta personali[9] u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta.

(9) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni[10].

(10) B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħat biex tadotta miżuri fir-rigward ta' l-adattament ta' l-Anness. Billi dawk il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u tfasslu sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

---

8 ĠU L 76, 22.3.2005, p. 16.

9 ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

10 ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

(11) Billi l-għan ta' l-azzjoni li se tittieħed, jiġifieri l-iffaċilitar ta' l-infurzar transkonfinali fir-rigward ta' ċerti reati tat-traffiku, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, u għaldaqstant, minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jista' jinkiseb aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-KE. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stipulat fl-istess Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lilhinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1
Is-suġġett u l-ambitu

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi sistema li tiffaċilita l-infurzar transkonfinali tas-sanzjonijiet għar-reati tat-traffiku li ġejjin:

(a) l-eċċess ta' veloċità;

(b) is-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb;

(c) in-nuqqas ta' użu taċ-ċinturin tas-sikurezza;

(d) il-qbiż tad-dawl l-aħmar tat-traffiku.

2. Din id-Direttiva tapplika biss safejn is-sanzjoni li għandha tiġi imposta għar-reat ikkonċernat hija jew tinkludi penali finanzjarja.

Artikolu 2
Tifsiriet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw it-tifsiriet li ġejjin:

(a) "detentur" tfisser id-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura kkonċernata;

(b) "Stat tar-reat" tfisser l-Istat Membru fejn sar ir-reat;

(c) "Stat tar-residenza" tfisser l-Istat Membri fejn hija rreġistrata l-vettura li biha sar ir-reat;

(d) "awtorità kompetenti" tfisser l-awtorità responsabbli għad-database nazzjonali tad-dokumenti ta' reġistrazzjoni tal-vetturi;

(e) "eċċess ta' veloċità" tfisser il-qbiż tal-limiti ta' veloċità fis-seħħ fl-Istat tar-reat għat-tip ta' triq jew għat-tip ta' vettura kkonċernati;

(f) "sewqan taħt l-effett tax-xorb" tfisser is-sewqan b'livell ta' alkoħol fid-demm ogħla mil-livell massimu fis-seħħ fl-Istat tar-reat;

(g) "nuqqas ta' użu taċ-ċinturin tas-sikurezza" tfisser in-nuqqas ta' konformità ma' l-obbligu li jintlibes iċ-ċinturin tas-sikurezza jew li tintuża sistema għat-trażżin tat-tfal f'każijiet fejn l-użu ta' dan it-tagħmir huwa obbligatorju skond id-Direttiva tal-Kunsill 91/671/KEE[11] jew il-liġi nażżjonali fl-Istat tar-reat;

(h) "il-qbiż tad-dawl l-aħmar tat-traffiku" tfisser ir-reat fejn is-sewwieq jaqbeż id-dawl l-aħmar tat-traffiku, kif iddefinit fil-liġi ta' l-Istat tar-reat.

KAPITOLU II

DISPOŻIZZJONIJIET GĦALL-IFFAĊILITAR TA' L-INFURZAR TRANSKONFINALI

Artikolu 3

Proċeduri għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri

1. Fejn reat ikun sar fi Stat Membru b'vettura rreġistrata fi Stat Membru ieħor, u l-każ ma jiġix sanzjonat u mitmum minnufih permezz ta' awtorità responsabbli għat-trattament tar-reat fl-Istat tar-reat, l-awtorità kompetenti f'dak l-Istat għandha tibgħat in-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura u l-informazzjoni rigward il-post u d-data tar-reat lill-awtorità kompetenti fl-Istati Membri l-oħra, jew fl-Istat tar-residenza fejn dan jista' jiġi identifikat. L-awtorità kompetenti fl-Istat tar-reat għandha tagħmel dan fl-istess ċirkustanzi u kundizzjonijiet li fihom tittratta r-reat ikkonċernat meta jsir b'vettura rreġistrata fl-istess Stat tar-reat.

2. L-awtorità kompetenti fl-Istat tar-residenza għandha tibgħat minnufih l-informazzjoni li ġejja biss lill-awtorità kompetenti fl-Istat tar-reat:

(a) il-marka u l-mudell tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni kkonċernat;

(b) fejn id-detenetur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura kkonċernata huwa persuna naturali, l-isem, l-indirizz, u d-data u l-post tat-twelid;

(c) fejn id-detenetur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura kkonċernata huwa persuna legali, l-isem u l-indirizz.

3. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra ma għandhomx jaħżnu l-informazzjoni mibgħuta mill-Istat tar-reat.

---

[11] Id-Direttiva tal-Kunsill 91/671/KEE tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-użu mandatorju taċ-ċinturini tas-sigurtà f'vetturi ta' inqas minn 3.5 tunnellati (ĠU L 373, 31.12.1991, p. 26), kif emendata bid-Direttiva 2003/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 115, 9.5.2003, p. 63).

Artikolu 4

L-użu ta' netwerk elettroniku

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-iskambju ta' informazzjoni deskritta fl-Artikolu 3 jsir b'mezz elettroniku. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li netwerk elettroniku Komunitarju msejjes fuq regoli komuni jitwaqqaf sa mhux aktar tard minn 12-il xahar wara d-data msemmija fl-Artikolu 9(1).

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli komuni dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 sad-data msemmija fl-Artikolu 9(1), skond il-proċedura regolatorja pprovduta fl-Artikolu 8(2).

B'mod partikolari, dawn ir-regoli komuni għandhom jinkludu dispożizzjonijiet rigward:

(a) il-format tad-dejta li tiġi skambjata;

(b) il-proċedura tekniċi għall-iskambju elettroniku tad-dejta fost l-Istati Membri.

Artikolu 5

In-notifika ta' reat

1. Malli tirċievi l-informazzjoni deskritta fl-Artikolu 3(2), l-awtorità fl-Istat tar-reat li hija responsabbli għat-trattament tar-reati koperti minn din id-Direttiva għandha tibgħat notifika tar-reat lid-detentur. In-notifika għandha ssegwi l-mudell mogħti fl-Anness.

2. In-notifika ta' reat għandu jkun fiha deskrizzjoni tad-dettalji relevanti tar-reat ikkonċernat, l-ammont tal-penali finanzjarja li għandha titħallas mid-detentur, il-possibbiltajiet biex id-detentur jikkontesta r-raġunijiet għan-notifika ta' reat u jagħmel appell kontra deċiżjoni li timponi penali finanzjarja, u l-proċedura li għandha tiġi segwita fil-każ ta' kontestazzjoni jew appell.

3. In-notifika ta' reat għandha tinforma lid-detentur li għandu jimla formola ta' tweġiba jekk ikun biħsiebu ma jħallasx il-multa.

4. In-notifika ta' reat għandha tiġi kkomunikata lid-detentur fl-ilsien jew fl-ilsna uffiċjali ta' l-Istat tar-residenza, kif speċifikat minn dan l-Istat.

5. Il-Kummissjoni tista' tadatta l-mudell għan-notifika ta' reat biex tqis u tkopri l-iżviluppi tekniċi li jkunu saru. Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 8(3).

Artikolu 6
Awtoritajiet ċentrali

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità ċentrali biex tgħin fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

2. Kull Stat Membru għandu jikkomunika lill-Kummissjoni, sa sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-isem u l-indirizz ta' l-awtoritajiet ċentrali maħturin skond dan l-Artikolu.

3. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-informazzjoni deskritta fil-paragrafu 2 lill-Istati Membri l-oħra.

Artikolu 7
Id-dritt ta' aċċess, korrezzjoni u tħassir

1. Bla ħsara għad-drittijiet tas-suġġetti ta' dejta taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali skond l-Artikolu 12(a) tad-Direttiva 95/46/KE, kull persuna għandu jkollha d-dritt li tirċievi notifika tad-dejta personali tagħha rreġistrata fl-Istat tar-residenza li tkun ġiet trażmessa lill-Istat Membru li talabha.

2. Bla ħsara għall-konformità mar-rekwiżiti proċedurali tal-mekkaniżmi ta' appell u rikors ta' l-Istat Membru kkonċernat, kull persuna kkonċernata għandu jkollha d-dritt li tikseb il-korrezzjoni ta' kull dejta personali impreċiża, jew it-tħassir immedjat ta' kull dejta li tkun ġiet irreġistrata b'mod illegali.

3. Is-suġġetti ta' dejta jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 2 quddiem l-awtorità ċentrali ta' l-Istat tar-residenza tagħha.

KAPITOLU III

IL-PROĊEDURA TAL-KUMITAT

Artikolu 8
Il-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn Kumitat dwar l-infurzar fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'referenza għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu mniżżel fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi stabbilit għal tlett xhur.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, b'referenza għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 9
Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara li tkun daħlet fis-seħħ. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u t-tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 10

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 11

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

ANNESS
FORMOLA għan-notifika ta' reat

imsemmija fl-Artikolu 5

[PAĠNA TA’ QUDDIEM]

[Isem, indirizz u numru tat-telefown ta’ l-awtorità li tibgħat il-formola] [Isem u indirizz tad-destinatarju]

NOTIFIKA

ta’ reat tat-traffiku kommess fi ..... [isem l-Istat Membru fejn sar ir-reat]

[it-test ta’ hawn fuq jidher fuq din il-paġna ta’ quddiem fl-ilsna kollha uffiċjali ta’ l-UE]

Paġna 2

Fi [data .....], reat tat-traffiku bil-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ....., marka ....., mudell ..... ġie rreġistrat minn .....[isem l-awtorità responsabbli].

Inti mniżżel/mniżżla bħala d-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura hawn fuq imsemmija.

Id-dettalji relevanti tar-reat jingħataw fil-paġna 3 ta' dan id-dokument.

L-ammont tal-penali finanzjarja għal dan ir-reat huwa ta' EUR/munita nazzjonali .....

L-iskadenza għall-ħlas ta' din il-penali hija .....

Jekk ma thallasx din il-penali finanzjarja, inti obbligat(a) li timla l-formola mehmuża (paġna 4) u tibgħatha lill-indirizz indikat.

---

paġna 3

Id-dettalji rilevanti tar-reat

(a) Informazzjoni dwar il-vettura li biha sar ir-reat

Numru ta' reġistrazzjoni:

Pajjiż ta' reġistrazzjoni:

Marka u mudell:

(b) Informazzjoni dwar ir-reat

Il-post, id-data u l-ħin tar-reat:

In-natura u l-klassifikazzjoni legali tar-reat:

eċċess ta' veloċità, sewqan taħt l-influwenza tax-xorb, in-nuqqas ta' użu taċ-ċinturin tas-sikurezza jew ta' sistema għat-trażżin tat-tfal, il-qbiż tad-dawl l-aħmar tat-traffiku[12]

Deskrizzjoni dettaljata tar-reat:

Referenza għad-dispożizzjoni(jiet) ġurdiċi rilevanti:

Deskrizzjoni tal-provi tar-reat jew referenza għalihom:

(c) Informazzjoni dwar it-tagħmir li ntuża għar-reġistrazzjoni tar-reat[13]

Tip ta' tagħmir għar-reġistrazzjoni ta' l-eċċess ta' veloċità, is-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb, il-qbiż tad-dawl l-aħmar tat-traffiku jew in-nuqqas ta' użu taċ-ċinturin tas-sikurezza[14]:

Speċifikazzjoni tat-tagħmir:

Nru ta' identifikazzjoni tat-tagħmir:

Skadenza ta' l-aħħar kalibrazzjoni tat-tagħmir:

(d) Ir-riżultat ta' l-applikazzjoni tat-tagħmir

[eżempju għall-eċċess ta' veloċità; għad iridu jiżdiedu r-reati l-oħra:]

Il-veloċità massima:

Il-veloċità mkejla:

Il-veloċità mkejla kkoreġuta skond il-marġni ta' żball:

---

12 Ħassar dak li ma japplikax.

13 Mhux applikabbli jekk ma jkun intuża l-ebda tagħmir.

14 Ħassar dak li ma japplikax.

Formola ta' tweġiba

(jekk jogħġbok imla l-formola b'ittri kapitali u immarka l-għażla applikabbli)

A. Identità tas-sewwieq:

- Kunjom u isem:

- Il-post u d-data tat-twelid:

- Nru tal-liċenzja tas-sewqan: ... imwassla (data): ... fi (post):

- Indirizz:

B. Lista ta' mistoqsijiet:

(1) Il-vettura tal-marka ... u bin-numru ta' reġistrazzjoni ... hija rreġistrata f'ismek? iva/le

Jekk le, sid(t) iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni huwa/hija:

(kunjom, isem, indirizz)

(1) Tammetti li kkommettejt ir-reat?
iva/le

(2) Jekk dan ma tammettihx, jekk jogħġbok agħti r-raġunijiet tiegħek:

Jekk jogħġbok, ibgħat il-formola mimlija sa 60 jum mid-data ta' din in-notifika lill-awtorità li ġejja:

fl-indirizz li ġej:

INFORMAZZJONI

Il-każ se jiġi eżaminat mill-awtorità kompetenti fl-Istat fejn sar ir-reat.
Jekk ma jingħatax segwitu għal dan il-każ, inti tiġi infurmat sa 60 jum mid-data tal-wasla tal-formola ta' tweġiba.

Jekk jingħata segwitu għal dan il-każ, tapplika l-proċedura li ġejja:

[dan l-ispazju għandu jimtela mill-Istat fejn sar ir-reat - għandu jindika l-proċedura li jmiss, flimkien ma' dettalji dwar il-possibbiltà u l-proċedura ta' appell kontra d-deċiżjoni li jingħata segwitu għall-każ. Dawn id-dettalji għandhom jinkludu f'kull każ: l-isem u l-indirizz ta' l-awtorità responsabbli għat-trattament tal-każ; l-iskadenza għall-ħlas tal-multa; l-isem u l-indirizz ta' l-organu ta' appell ikkonċernat; l-iskadenza għall-appell].

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. ISEM IL-PROPOSTA

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tiffaċilita l-infurzar transkonfinali fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq

2. QAFAS ABM / ABB

Qasam/Oqsma ta' Politika kkonċernata/i u assoċjata/i ma' l-Attività/Attivitajiet:

Trasport fuq l-Art – Is-sikurezza fit-toroq

3. LINJI TAL-BAĠIT

3.1. Linji tal-baġit (linji operattivi u linji għall-għajnuna teknika u amministrattiva relatati (ex- linji B..A) inklużi l-intestaturi:

3.2. Tul ta' żmien ta' l-azzjoni u ta' l-impatt finanzjarju:

Tul bla limitu.

3.3. Karatteristiċi baġitarji:

Linja tal-baġit	Tip ta' nfiq		Ġdid	Kontribut mill-EFTA	Kontributi minn pajjiżi applikanti	Intestatura fil-perspettiva finanzjarja

4. SOMMARJU TAR-RIŻORSI

4.1. Riżorsi Finanzjarji

4.1.1. Sommarju ta' l-approprjazzjonijiet ta' impenn (AI) u ta' l-approprjazzjonijiet ta' ħlas (AĦ)

EUR miljuni (sa 3 ċifri deċimali)

Tip ta' nfiq	Taqsima Nru		Sena 2012	2013	2014	2015	2016	2017 'il quddiem	Total
Infiq operattiv[15]									
Approprazzjonijiet ta' impenn (AI)	8.1.	a							
Approprazzjonijiet ta' ħlas (AĦ)		b							
Infiq amministrattiv inkluż fl-ammont ta' referenza[16]									
Għajnuna teknika u amministrattiva (NDA)	8.2.4.	c							
AMMONT TOTALI TA' REFERENZA									
Approprjazzjonijiet ta' impenn		a+c							
Approrprazzjonijiet ta' ħlas		b+c							
Infiq amministrattiv <u>mhux</u> inkluż fl-ammont ta' referenza[17]									
Riżorsi umani u nfiq assoċjat (NDA)	8.2.5.	d	0,0585	0,0585	0,0585	0,0585	0,0585	0,0585	
Spejjeż amministrattivi, minbarra riżorsi umani u nfiq assoċjat, mhux inklużi fl-ammont ta' referenza (NDA)	8.2.6.	e	0,0351	0,0351	0,0351	0,0351	0,0351	0,0351	

15 Infiq li ma jaqax taħt il-Kapitolu xx 01 tat-Titolu xx ikkonċernat.

16 Infiq skond l-Artikolu xx 01 04 tat-Titolu xx.

17 Infiq skond il-Kapitolu xx 01 minbarra l-Artikoli xx 01 04 jew xx 01 05.

Spiża finanzjarja indikattiva totali ta' l-intervent

AI TOTALI, inkluża l-ispiża tar-riżorsi umani		a+c +d +e	0,0936	0,0936	0,0936	0,0936	0,0936	0,0936	
AĦ TOTALI, inkluża l-ispiża tar-riżorsi umani		b+c +d +e	0,0936	0,0936	0,0936	0,0936	0,0936	0,0936	

Dettalji tal-kofinanzjament

Jekk il-proposta tinvolvi kofinanzjament mill-Istati Membri, jew minn korpi oħrajn (jekk jogħġbok speċifika liema), għandha tiġi indikata stima tal-livell ta' dan il-kofinanzjament fit-tabella hawn taħt (jistgħu jiżdiedu linji addizzjonali jekk jiġu previsti diversi korpi għall-provvediment tal-kofinanzjament):

EUR miljuni (sa 3 ċifri deċimali)

Korp tal-kofinanzjament		Sena 2012	2013	2014	2015	2016	2017 'il quddiem	Total
NO	f							
AI TOTALI inkluż il-kofinanzjament	a+c +d +e +f	0,0936	0,0936	0,0936	0,0936	0,0936	0,0936	

4.1.2. Kompatibbiltà ma' l-Ipprogrammar Finanzjarju

X Il-proposta hija kompatibbli ma' l-ipprogrammar finanzjarju attwali.

☐ Il-proposta se timplika l-ipprogrammar mill-ġdid ta' l-intestatura rilevanti fil-perspettiva finanzjarja.

☐ Il-proposta tista' teħtieġ l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali[18] (jiġifieri strument ta' flessibbiltà jew reviżjoni tal-perspettiva finanzjarja).

4.1.3. L-impatt finanzjarju fuq id-dħul

X Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja fuq id-dħul.

☐ Il-proposta għandha impatt finanzjarju – l-effett fuq id-dħul huwa kif ġej:

[18] Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

EUR miljuni (sa ċifra deċimali waħda)

		Qabel l-azzjoni	Is-sitwazzjoni wara l-azzjoni					
Linja tal-baġit	Dħul	[Sena n-1]	[Sena n]	[n+1]	[n+2]	[n+3]	[n+4]	[n+5][19]
	a) Dħul f'termini assoluti							
	b) Tibdil fid-dħul	*Δ*						

4.2. Riżorsi umani FTE (inklużi uffiċjali, persunal temporanju u dak estern) – ara d-dettall taħt il-punt 8.2.1.

Ħtiġijiet annwali	Sena 2012	2013	2014	2015	2016	2017 'il quddiem
Għadd totali ta' riżorsi umani	0,5	0,5	0,5	0,5	0,5	0,5

5. KARATTERISTIĊI U GĦANIJIET

5.1. Ħtieġa li għandha tiġi sodisfatta f'terminu ta' żmien qasir jew twil

Il-Kummissjoni se tkun megħjuna minn Kumitat f'diversi kompiti deskritti fid-Direttiva: l-adozzjoni ta' regoli komuni għal netwerk elettroniku Komunitarju għall-iskambju ta' informazzjoni, l-adattament ta' l-Anness li jagħti mudell għan-notifika ta' reat iddestinata lil sid vettura li biha jkun sar reat tat-traffiku.

5.2. Il-valur miżjud ta' l-involviment Komunitarju u l-koerenza tal-proposta ma' strumenti oħrajn finanzjarji u s-sinerġiji possibbli

Bil-għan li tittejjeb is-sikurezza fit-toroq ma' l-Unjoni Ewropea kollha, u sabiex jiġi żgurat it-trattament ekwu bejn il-persuni residenti u mhux residenti li jikkommettu reat, il-proposta timmira li toħloq sistema li tiffaċilita l-infurzar transkonfinali tas-sanzjonijiet għal ċerti reati tat-traffiku. Filwaqt li din il-proposta tittratta l-fażijiet kollha minn meta jiġi rreġistrat ir-reat sa meta tintbagħat in-notifika ta' reat lid-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura, ladarba tkun ittieħdet deċiżjoni finali, tapplika d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/214/ĠAI dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penalitajiet finanzjarji[20].

---

19 Jistgħu jiżdiedu kolonni addizzjonali jekk ikun hemm bżonn, jiġifieri jekk it-tul ta' l-azzjoni jisboq is-sitt snin.

20 Bid-data ta' l-24 ta' Frar 2005 (ĠU L 76, 22.3.2005, p. 16).

5.3. Għanijiet, riżultati mistennija u indikaturi relatati tal-proposta fil-kuntest tal-qafas ABM

Għan: kontribuzzjoni biex jitnaqqas b'50% l-għadd ta' mwiet fit-toroq ta' l-UE sa 2010 u 'l quddiem. Ir-riżultati tad-Direttiva se jkunu mmonitorjati. Riżultat mistenni: tnaqqis fir-reati tat-traffiku, partikolarment dawk kommessi minn sewwieqa mhux residenti, iżda wkoll fir-reati kommessi minn sewwieqa residenti, bħala effett ġenerali tat-tqajjim tal-kuxjenza tas-sewwieqa rigward il-fatt li tali reati mhux se jibqgħu bla sanzjoni.

5.4. Il-metodu ta' implimentazzjoni (indikattiv)

☐ ***Tmexxija ċentralizzata***

- ☐ direttament mill-Kummissjoni
- ☐ indirettament permezz ta' delega lil:
  - ☐ Aġenziji eżekuttivi
  - ☐ korpi stabbiliti mill-Komunitajiet skond l-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju
  - ☐ korpi mis-settur pubbliku nazzjonali/korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku

X ***Tmexxija maqsuma jew deċentralizzata***

- **X** ma' l-Istati Membri
- ☐ ma' Pajjiżi Terzi

☐ ***Tmexxija konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (jekk jogħġbok speċifika liema)***

Kummenti rilevanti:

6. IL-MONITORAĠĠ U L-EVALWAZZJONI

6.1. Is-sistema tal-monitoraġġ

Il-Kumitat se jitmexxa u se jkun ippresedut mill-uffiċjali rilevanti tal-Kummissjoni. Għaldaqstant, l-evoluzzjoni u l-progress tal-Kumitat se jiġu mmonitorjati b'mod kostanti.

6.2. L-evalwazzjoni

6.2.1. L-evalwazzjoni ex-ante

Tfassal rapport tal-Valutazzjoni ta' l-Impatt dwar l-abbozz ta' Direttiva, u ġie kkonsultat il-Bord tal-Valutazzjoni ta' l-Impatt fir-rigward tiegħu.

6.2.2. Miżuri meħuda wara evalwazzjoni intermedjarja/ex-post (tagħlimiet miksuba minn esperjenzi simili fl-imgħoddi)

6.2.3. It-termini u l-frekwenza ta' l-evalwazzjoni futura

Il-Kumitat se jiltaqa' darbtejn fis-sena.

7. MIŻURI KONTRA L-FRODI

Il-Kumitat se jitmexxa u se jkun ippresedut mill-uffiċjali rilevanti tal-Kummissjoni. Għaldaqstant, l-evoluzzjoni u l-progress tal-Kumitat se jiġu mmonitorjati b'mod kostanti.

8. DETTALJI TAR-RIŻORSI

8.1. Għanijiet tal-proposta f'termini ta' l-ispiża finanzjarja tagħhom:

NA

L-approprjazzjonijiet ta' impenn f'EUR miljuni (sa 3 ċifri deċimali)

(L-intestaturi ta' l-għanijiet, l-azzjonijiet u r-riżultati għandhom jiġu pprovduti)	Tip ta' riżultat	Spiża medja	Sena n		Sena n+1		Sena n+2		Sena n+3		Sena n+4		Sena n+5 'il quddiem		TOTAL	
			Nru ta' riżultati	Spiża totali	Nru ta' riżultati	Spiża totali	Nru ta' riżultati	Spiża totali	Nru ta' riżultati	Spiża totali	Nru ta' riżultati	Spiża totali	Nru ta' riżultati	Spiża totali	Nru ta' riżultati	Spiża totali
GĦAN OPERATTIV Nru 1[21] …																
Azzjoni 1……..																
- Riżultat 1																
- Riżultat 2																
Azzjoni 2……..																
- Riżultat 1																
Subtotal Għan 1																
GĦAN OPERATTIV Nru 2…																

[21] Kif deskritt fit-Taqsima 5.3.

Azzjoni 1……..																
- Riżultat 1																
Subtotal Għan 2																
GĦAN OPERATTIV Nru n																
Subtotal Għan n																
SPIŻA TOTALI																

8.2. L-infiq amministrattiv

8.2.1. L-għadd u t-tip ta' riżorsi umani

Tipi ta' kariga		Persunal li għandu jiġi assenjat għat-tmexxija ta' l-azzjoni bl-użu ta' riżorsi eżistenti u/jew ta' riżorsi addizzjonali (għadd ta' karigi/FTEs)					
		Sena 2012	Sena 2013	Sena 2014	Sena 2015	Sena 2016	Sena 2017
Uffiċjali jew persunal temporanju[22] (XX 01 01)	A*/AD	0,5	0,5	0,5	0,5	0,5	0,5
	B*, C*/AST						
Persunal iffinanzjat[23] mill-Artikolu XX 01 02							
Persunal ieħor[24] iffinanzjat mill-Artikolu XX 01 04/05							
TOTAL		0,5	0,5	0,5	0,5	0,5	0,5

8.2.2. Deskrizzjoni tal-kompiti li jitnisslu mill-azzjoni

It-tmexxija tal-Kumitat

Il-Kummissjoni se tkun megħjuna minn Kumitat f'diversi kompiti deskritti fid-Direttiva: l-adozzjoni ta' regoli komuni għal netwerk elettroniku Komunitarju għall-iskambju ta' informazzjoni, l-adattament ta' l-Anness li jagħti mudell għan-notifika ta' reat iddestinata lil sid vettura li biha jkun sar reat tat-traffiku.

8.2.3. Is-sorsi tar-riżorsi umani (statutorji)

☐ Karigi bħalissa allokati għat-tmexxija tal-programm li għandhom jinbidlu jew jitwessgħu

☐ Karigi allokati minn qabel fl-eżerċizzju ta' l-APS/PDB għas-sena n

x	Karigi li għandhom jintalbu fil-proċedura APS/PDB li jmiss

☐ Karigi li għandhom jitqassmu mill-ġdid bl-użu tar-riżorsi eżistenti fi ħdan is-servizz ta' tmexxija (rijallokazzjoni interna)

☐ Karigi meħtieġa għas-sena n għalkemm mhux previsti fl-eżerċizzju ta' l-APS/PDB tas-sena kkonċernata

[22] Li l-ispiża tiegħu MHIJIEX koperta mill-ammont ta' referenza.
[23] Li l-ispiża tiegħu MHIJIEX koperta mill-ammont ta' referenza.
[24] Li l-ispiża tiegħu hija inkluża fl-ammont ta' referenza.

8.2.4. Infiq amministrattiv ieħor inkluż fl-ammont ta' referenza (XX 01 04/05 – Infiq fuq it-tmexxija amministrattiva)

EUR miljuni (sa 3 ċifri deċimali)

Linja tal-bażit (Nru u intestatura)	Sena 2012	Sena 2013	Sena 2014	Sena 2015	Sena 2016	Sena 2017 u wara	TOTAL
1 Għajnuna teknika u amministrattiva (inklużi spejjeż relatati mal-persunal)							
Aġenziji eżekuttivi[25]							
Għajnuna teknika u amministrattiva oħra							
- intra muros							
- extra muros							
Għajnuna teknika u amministrattiva totali							

8.2.5. Spiża għar-riżorsi umani u spejjeż relatati li mhumiex inklużi fl-ammont ta' referenza

EUR miljuni (sa 3 ċifri deċimali)

Tip ta' riżorsi umani	Sena 2012	Sena 2013	Sena 2014	Sena 2015	Sena 2016	Sena 2017 u wara
Uffiċjali u persunal temporanju (XX 01 01)	0,0585	0,0585	0,0585	0,0585	0,0585	0,0585
Persunal iffinanzjat mill-Artikolu XX 01 02 (awżiljarji, SNEs, impjegati kuntrattwali, eċċ.) (speċifika l-linja tal-bażit)						
S p i ż a totali tar-riżorsi umani u spejjeż relatati (MHUX fl-ammont ta' referenza)	0,0585	0,0585	0,0585	0,0585	0,0585	0,0585

[25] Għandha ssir riferenza għad-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżattiva speċifika għall-Aġenzija/i Eżekuttiva/i kkonċernata/i.

Kalkolu – Uffiċjali u Aġenti temporanji 0,5 aġenti x EUR 117 000: EUR 58 500 (EUR 0,0585 miljun) kull sena

Kalkolu - Persunal iffinanzjat taħt l-Artikolu XX 01 02 Mhux applikabbli

8.2.6. Infiq amministrattiv ieħor <u>mhux</u> inkluż fl-ammont ta' referenza

EUR miljuni (sa 3 ċifri deċimali)

	Sena 2012	Sena 2013	Sena 2014	Sena 2015	Sena 2016	Sena 2017 u wara	TOTAL
XX 01 02 11 01 – Missjonijiet							
XX 01 02 11 02 – Laqgħat u konferenzi							
XX 01 02 11 03 – Kumitati[26]	0,0351	0,0351	0,0351	0,0351	0,0351	0,0351	
XX 01 02 11 04 – Studji u konsultazzjonijiet							
XX 01 02 11 05 – Sistemi informatiċi							
2 Infiq ieħor totali ta' tmexxija (XX 01 02 11)							
3 Infiq ieħor ta' natura amministrattiva (speċifika b'referenza għal-linja tal-baġit)							
Infiq amministrattiv total, għajr għal riżorsi umani u spejjeż relatati (MHUX inkluży fl-ammont ta' referenza)	0,0351	0,0351	0,0351	0,0351	0,0351	0,0351	

[26] Kumitat skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/512/KE (komitoloġija). L-ammont (EUR 0,0351 miljun) huwa kkalkolat kif ġej: EUR 650 għal kull espert x 27 Stat Membru x 2 laqgħa kull sena.

Il-ħtiġijiet ta' riżorsi umani u amministrattivi għandhom ikunu koperti bir-riżorsi eżistenti jew bl-allokazzjoni li tista' tingħata lid-DĠ li jmexxi fil-qafas tal-proċedura annwali ta' allokazzjoni, fid-dawl tar-restrizzjonijiet tal-baġit.

Id-DĠ għall-Baġit jinnota d-dikjarazzjoni li "se tintuża sistema Komunitarja ta' informazzjoni li diġà teżisti, billi tiġi estiża biex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni għall-infurzar transkonfinal", u minnha jiddeduċi li l-possibbiltà li jkollha tiġi modifikata s-sistema eżistenti tiġi ffinanzjata mill-istess linja tal-baġit li minnha ġie ffinanzjat l-iżvilupp oriġinali tas-sistema.